

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻIONIJET

## KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Ġunju 2007

**dwar in-non-inklużjoni tal-cadusafos fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 2511)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/428/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari r-raba' sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jstipola li Stat Membru jista', matul perijodu ta' 12-il sena min-notifika ta' dik id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li diġà jinsabu fis-suq sentejn wara d-data tan-notifika, filwaqt li dawk is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-qafas ta' programm ta' ħidma.
- (2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000<sup>(2)</sup> u (KE) Nru 703/2001<sup>(3)</sup> jstipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' ħidma

msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan ta' l-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-cadusafos.

- (3) Għall-cadusafos, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skond id-dispożizzjonijiet stipolati mir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-Regolamenti jinnominaw lill-Istati Membri li jaġixxu bħala relatur li għandhom jippreżentaw ir-rapporti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-lkel (European Food Safety Authority - EFSA) skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għall-cadusafos l-Istat Membru relatur kien il-Greċja u kull informazzjoni rilevanti tressqet fl-1 ta' Ġunju 2004.
- (4) Ir-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-EFSA u kien ippreżentat lill-Kummissjoni fl-24 ta' April 2006 fil-format tal-konklużjoni ta' l-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva cadusafos<sup>(4)</sup>. Dan ir-rapport għadda minn reviżjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali u ġie ffinalizzat fl-24 ta' Novembru 2006 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-cadusafos.

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/31/KE (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 44).

<sup>(2)</sup> ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).

<sup>(3)</sup> ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.

<sup>(4)</sup> EFSA Scientific Report (2006) 68, 1-70, Conclusion regarding the peer review of pesticide risk assessment of cadusafos.

- (5) Matul il-valutazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġie identifikat xi tħassib. Abbażi ta' l-informazzjoni disponibbli ma ntweriex li l-espożizzjoni stmata tal-konsumaturi li tirriżulta mill-valutazzjoni ta' teħid akut u kroniku, hija aċċettabbli, minħabba taġhrif insuffiċjenti fuq il-livell ta' residwu. Barra minn hekk ir-riskju lill-ilma fil-blat ma setax jiġi vvalutat, minħabba nuqqas ta' data. Madankollu, ma kienx possibbli abbażi tat-tagħrif disponibbli li l-konklużjoni tkun li l-cadusafos jissodisfa l-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant sabiex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares* u dwar jekk hux bi ħsiebu jkompli jappoġġja s-sustanza. In-notifikant ressaq il-kummenti tiegħu li ġew eżaminati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa, it-tħassib imsemmi hawn fuq baqa' mhux solvut, u valutazzjonijiet li saru abbażi tat-tagħrif ippreżentat u vvalutat matul il-laqgħat esperti ta' l-EFSA ma wrewx li wieħed jista' jistenna li, fil-kondizzjonijiet ta' użu proposti, prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-cadusafos jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (7) Għalhekk il-cadusafos ma għandux ikun inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-awtorizzazzjonijiet mogħtija għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-cadusafos jiġu rtirati fi żmien il-perijodu preskritt u ma jiġġeddux, kif ukoll biex ma tingħata l-ebda awtorizzazzjoni ġdida għal dawn il-prodotti.
- (9) Kwalunkwe perijodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-cadusafos, għandu jkun limitat għal tnax-il xahar sabiex jippermetti l-użu tal-ħażniet eżistenti għal staġun wieħed ieħor ta' kultivazzjoni.
- (10) Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għat-tressiq ta' applikazzjoni għall-cadusafos skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 (2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.

- (11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Il-cadusafos ma għandux jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

#### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) Awtorizzazzjonijiet għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-cadusafos ikunu rtirati sat-18 ta' Diċembru 2007;
- (b) ma tingħata jew tiġġedded l-ebda awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-cadusafos taħt id-deroga stipulata fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

#### Artikolu 3

Kull perijodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mit-18 ta' Diċembru 2008.

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni